



Brussell, 19 ta' Novembru 2019
(OR. en)

14249/19

POLGEN 184
POLMAR 11
CLIMA 306
COMAR 17
CONUN 151
ENER 506
ENV 932
MAR 173
MARE 26
PECHE 511
RECH 497
RELEX 1066
TOUR 22
TRANS 541

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13845/19

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Oċeani u l-Ibħra

Id-delegazzjonijiet isibu hawnhekk il-konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmijin hawn fuq dwar l-Oċeani u l-Ibħra, kif adottati mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fid-19 ta' Novembru 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Oċeani u l-Ibħra

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

FILWAQT LI JFAKKAR:

- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika Marittima Integrata ta' Diċembru 2008, is-16 ta' Novembru 2009, l-14 ta' Ġunju 2010, id-19 ta' Diċembru 2011, il-11 ta' Diċembru 2012, il-25 ta' Ġunju 2013 u l-24 ta' Ġunju 2014¹;
- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Artiku tal-20 ta' Ġunju 2016²;
- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-Governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna" tat-3 ta' April 2017³;
- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar it-Tkabir Blu tas-26 ta' Ġunju 2017⁴;
- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea (EUMSS) tas-26 ta' Ġunju 2018⁵;

1. JISĦAQ fuq il-fatt li t-tibdil fil-klima huwa theddida diretta u eżistenzjali għall-ħajja fl-oċeani u fl-ibħra globalment; JENFASIZZA li l-prinċipji ta' sostenibbiltà, inkluż il-prinċipju ta' prekawżjoni, huma fil-qalba tal-politiki Ewropej; JENFASIZZA l-importanza ta' politiki dwar l-oċeani li huma olistiċi, integrati u bbażati fuq ix-xjenza; JISĦAQ fuq il-fatt li l-kwistjonijiet relatati mal-oċeani u l-ibħra jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-livell lokali, nazzjonali, reġjonali u globali; JISĦAQ fuq l-importanza li jitrawwem l-iżvilupp sostenibbli ta' setturi ekonomiċi stabbiliti u emerġenti marbuta mal-oċeani, l-ibħra u l-kosti għall-ekonomija tal-Ewropa u għall-impjiegi permezz tal-Politika Marittima Integrata tal-Unjoni u permezz tal-politiki tal-Istati Membri.

1	16503/1/08 REV 1, 15175/1/09 REV 1, 10300/10, 18279/11, 16553/12 + COR 1, 10790/13 u 11204/14
2	10400/16
3	8029/17
4	10662/17
5	10494/18

2. JAGĦRAF li biex inreġġgħu lura t-telf fis-saħħa tal-oċeani, nikkonservaw l-ekosistemi tagħhom u nużaw b'mod sostenibbli r-riżorsi tal-baħar biex niżguraw oċeani b'saħħithom u reżiljenti neħtieġu bidla profonda, inkluż soċjetali u ekonomika.
3. JAFFERMA MILL-ĠDID li l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS) tistipula l-qafas legali li fih iridu jitwettqu l-attivitajiet kollha fl-oċeani u l-ibħra.
4. JILQA' r-rwol tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fil-promozzjoni tal-oċeani bħala prijorità ta' politika globali u fit-tneġġiġ tal-kooperazzjoni internazzjonali u l-koordinazzjoni fil-livelli kollha, fil-ġurisdizzjonijiet u s-setturi kollha, inkluż permezz tan-NU, il-FAO, l-IMO u l-ILO u ftehimiet multilaterali rilevanti biex tiġi promossa s-sostenibbiltà tal-oċeani; IFAKKAR fl-importanza tal-kooperazzjoni reġjonali f'dan il-kuntest.
5. JENFASIZZA l-importanza ta' oċeani nodfa, b'saħħithom u produttivi li l-ekosistemi tagħhom huma konservati u li r-riżorsi tagħhom huma użati b'mod sostenibbli biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli; JISSOTTOLINJA l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) Nru 14 (Il-Ħajja Taħt l-Ilma) bħala parti integrali tal-Aġenda 2030, li għandu l-għan tal-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi tal-baħar għall-iżvilupp sostenibbli; JISĦAQ fuq il-fatt li jenħtieġ li tingħata aktar attenzjoni biex jintlaħqu l-miri li għandhom jinkisbu sal-2020 u l-2025, inkluż permezz ta' konvenzjonijiet reġjonali dwar l-ibħra, pjanijiet ta' azzjoni reġjonali, l-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd u l-mekkaniżmu ta' segwitu u rieżami tagħhom; JENFASIZZA li l-Aġenda tal-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani għall-futur tal-oċeani tagħna hija parti integrali mir-rispons tal-UE għall-Aġenda 2030.
6. JINNOTA BI TĦASSIB KBIR it-tisħin tal-ibħra reġjonali Ewropej b'pass aktar mgħaġġel mill-medja.
7. JAGĦRAF li l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw li jiddependu mir-riżorsi tal-baħar għas-sigurtà tal-ikel u l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli huma milquta b'mod partikolari mid-deterjorament tas-saħħa u l-produttività tal-oċeani.

8. JILQA' B'APPREZZAMENT ir-Rapport ta' Valutazzjoni Globali tal-IPBES dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi approvat f'Mejju 2019; JESPRIMI T-TĦASSIB SERJU TIEGĦU għall-informazzjoni allarmanti dwar l-istat tal-bijodiversità, inkluż l-ekosistemi marini u kostali; JISSOTTOLINJA li jridu jiġu indirizzati b'urġenza u b'mod koerenti l-fatturi multipli umani ewlenin tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni u l-eżawriment tal-oċeani.
9. JENFASIZZA d-deżinjazzjoni u l-ġestjoni effettiva ta' Żoni Marini Protetti skont l-għanijiet u l-miri strateġiċi tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB), inkluż il-Mira 11 tal-Bijodiversità ta' AICHI skont il-Pjan Strateġiku għall-Bijodiversità 2011-2020 u s-segwitu tiegħu, u miżuri ta' konservazzjoni effettivi oħra bbażati fuq iż-żona għall-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità marina u kostali u JISSOTTOLINJA l-importanza tal-approċċ ibbażat fuq l-ekosistemi bħala metodu effiċjenti fil-protezzjoni tal-bijodiversità ta' ekosistemi marini u kostali vulnerabbli.
10. JENFASIZZA l-ħtieġa ta' azzjoni immedjata kontra t-theddiet dejjem jiżdiedu u l-impatti kumulattivi tagħhom fuq l-oċeani, l-ibħra u ż-żoni kostali tagħna, bħat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, l-aċidifikazzjoni, l-ewtrofikazzjoni u l-espansjoni ta' żoni ipossiċi, it-tniġġis minn sustanzi perikolużi, l-ispeċijiet aljeni invażivi (IAS), l-iskart fil-baħar u l-mikroplastik, l-istorbju ta' taħt l-ilma, l-isfruttament żejjed tar-riżorsi tal-baħar u l-attivitajiet illegali.
11. JIRRIKONOXXI l-progress li sar fil-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) biex jiġi żgurat li s-sajd huwa ambjentalment, ekonomikament u soċjalment sostenibbli, u jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li titkompla l-implimentazzjoni sħiħa tal-PKS, inkluż l-obbligu ta' hant l-art, pjanijiet ta' ġestjoni pluriennali u r-reġjonalizzazzjoni tal-politika, ir-rispett tar-Rendiment Massimu Sostenibbli kif ukoll il-kontroll u l-infurzar effettivi.
12. JAFFERMA MILL-ĠDID il-ħtieġa li jitkomplew jiġu minimizzati l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar, inkluż billi jiġi minimizzat il-qbid inkidentalni bħaċ-ċetaċċi, it-tjur tal-baħar, ir-rettili u speċijiet sensittivi oħra, filwaqt li jinżamm l-oġettiv li tiġi żgurata produzzjoni sostenibbli tal-ikel mill-baħar.

13. JENFASIZZA l-kontribut importanti li l-attivitajiet, il-programmi u l-infrastruttura spazjali tal-UE joffru għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, il-valutazzjoni tal-impatt tat-tibdil fil-klima, il-promozzjoni ta' Ekonomija Blu tal-UE sostenibbli u t-titjib tas-sigurtà marittima.
14. JAGĦRAF l-importanza ta' konferenzi u avvenimenti tal-oċeani ta' livell għoli, bħall-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2020 f'Lisbona b'Appoġġ għall-Implimentazzjoni tal-SDG 14, il-Konferenza "L-Oċean Tagħna" 2019 f'Oslo u l-Konferenza "L-Oċean Tagħna" 2020 f'Palau li jfittxu soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet tal-oċeani billi jgħaqqdu l-politika, il-governanza, it-teknoloġija, l-appoġġ xjentifiku u tekniku u l-finanzi, u billi joħolqu pjattaforma għall-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet u n-negozji għal impenji u azzjonijiet tanġibbli u li jistgħu jitkejlu li jikkontribwixxu għal oċeani nodfa, b'saħħithom u produttivi.
15. JIŠHAQ fuq l-importanza ta' riċerka aħjar dwar il-baħar u dik marittima u għarfien tal-impatt li jkollhom l-attivitajiet li jsiru fuq il-baħar; JAFFERMA MILL-ĠDID l-involvement qawwi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fid-Deċennju tan-Nazzjonijiet Uniti għax-Xjenza dwar l-Oċeani għall-Iżvilupp Sostenibbli (2021-2030).
16. JAFFERMA MILL-ĠDID l-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bbażati fuq xogħol deċenti u sostenibbiltà soċjali fl-Ekonomija Blu, inkluż is-sajd, billi jiġu promossi u applikati b'mod effettiv il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol u l-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti bħall-Konvenzjoni Marittima tax-Xogħol tal-ILO 2006 tal-ILO u l-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd 2007.

I. L-OĊĊANI U T-TIBDIL FIL-KLIMA

17. JESPRIMI l-apprezzament tiegħu għall-ħidma tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC); JILQA' r-Rapport Speċjali dwar l-Oċean u l-Krijosfera f'Klima li qed Tinbidel approvat mill-IPCC fil-51 Sessjoni tiegħu li saret f'Settembru 2019, li jikkontribwixxi b'mod konkret għal fehim u għarfien aħjar dwar kif it-tibdil fil-klima qed jaffettwa l-oċeani u l-ekosistemi tagħhom; JINSAB IMĦASSEB FERM mis-sejbiet sinifikanti tar-Rapport Speċjali; JESPRIMI T-TĦASSIB SERJU TIEGħU dwar ir-rata dejjem tikber taż-żieda fil-livell tal-baħar b'riżultat tat-tidwib aċċellerat tal-mases tas-silġ glaċjali u l-espansjoni termali tal-oċean; JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tanalizza s-sejbiet tar-rapport u tipproponi alternattivi ta' rispons tal-politika; JAPPELLA għal aktar azzjoni ta' politika fil-livelli kollha ta' governanza.
18. JAPPOĠĠA l-Presidenza tal-COP25 taċ-Ċili biex tqajjem l-oċeani bħala waħda mill-prijoritajiet speċifiċi tagħha fil-COP25; JISSOTTOLINJA li t-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni tal-oċeani u t-telf tal-bijodiversità huma interkonnessi sew; JAPPELLA Għal kooperazzjoni aktar mill-qrib u sinerġiji fi kwistjonijiet relatati mal-oċeani u l-klima fost il-Konvenzjonijiet rilevanti tan-NU u ma' proċessi internazzjonali u reġjonali oħra relatati mal-oċeani.
19. JENFASIZZA il-fatt li implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim ta' Pariġi hija l-aktar azzjoni importanti għall-protezzjoni tal-oċeani speċjalment permezz ta' azzjoni msaħħa għall-mitigazzjoni tal-gass serra, li hija kruċjali biex jitnaqqsu l-impatti negattivi bħat-tisħin, l-aċidifikazzjoni, it-telf tal-ossiġenu u ż-żieda fil-livell tal-baħar; JINNOTA BI TĦASSIB li żdied ir-riskju li jintlaħqu l-limiti ta' bidliet għal għarrieda u irriversibbli fl-Oċeani.
20. Biex tiżdied ir-reżiljenza tal-oċeani fid-dawl tat-tibdil fil-klima, JENFASIZZA l-importanza tat-tisħiħ tal-azzjoni biex jitnaqqsu pressjonijiet antropoġeniċi oħra fuq l-oċeani bħat-tniġġis minn nutrijenti, sustanzi perikolużi, materja organika u skart tal-plastik, kif ukoll azzjoni għar-restawr u l-konservazzjoni ta' ekosistemi tal-baħar, inkluż soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura.

21. JENFASIZZA l-urġenza li t-trasport bil-baħar globali jsir aktar sostenibbli; JINNOTA BI TĦASSIB li l-emissjonijiet ta' gass serra mit-trasport marittimu huma mistennija li jiżdedu b'mod sinifikanti mil-livell attwali; JAPPOĠĠA l-mira tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) li tnaqqas l-emissjonijiet tas-CO₂ mit-trasport bil-baħar internazzjonali b'mod konsistenti mal-għanijiet tat-temperatura tal-Ftehim ta' Pariġi; JAPPELLA lill-IMO biex timplimenta b'mod rapidu l-Istrateġija Inizjali dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-vapuri; JINKORAĠĠIXXI finalizzazzjoni u ftehim malajr fil-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar (MEPC) tal-IMO dwar miżuri effettivi fuq perijodu ta' żmien qasir biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fit-trasport bil-baħar internazzjonali qabel l-2023.

II. GOVERNANZA INTERNAZZJONALI TAL-OĊEANI

22. JILQA' r-rapport dwar "Titjib tal-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani – Sentejn ta' progress" u jenfasizza l-kontribut sinifikanti tal-UE għat-titjib tal-qafas ta' governanza internazzjonali, it-tisħiħ tad-diplomazija dwar l-oċeani u l-kooperazzjoni internazzjonali dwar l-oċeani, it-tnaqqis tal-pressjonijiet fuq l-oċeani u t-tisħiħ tar-riċerka u d-data internazzjonali dwar l-oċeani; JAPPOĠĠA s-segwitu u l-iżvilupp ulterjuri tal-Aġenda tal-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani u JINKORAĠĠIXXI l-istabbiliment ta' forum tal-partijiet ikkonċernati tal-UE dedikat għall-oċeani u l-ibħra madwar id-dinja.
23. JAGĦRAF l-importanza tal-ħidma tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (CBD) u JISSOTTOLINJA l-importanza kruċjali tal-qafas globali għall-bijodiversità għal wara l-2020 u l-ħtieġa għal miri ambizzjużi u realistiċi, li jmxexxu l-azzjoni u jippermettu li l-progress jiġi segwit b'mod effettiv, inkluż fir-rigward tal-bijodiversità marini u kostali.
24. JENFASIZZA l-impenn tiegħu biex jikkonkludi strument legalment vinkolanti internazzjonali ambizzjuż skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar rigward il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali (BBNJ) sal-2020.

25. JENFASIZZA l-Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani f'Lisbona f'Ġunju 2020 bħala pass importanti biex jiġi rieżaminat il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 14; JENFASIZZA l-ħtieġa li jkun hemm rwol prominenti u impenn sħiħ fit-tnejja tal-konferenza u li jingħata kontribut biex jitħaffef il-progress biex jiġi żgurat li jintlaħqu fil-ħin il-miri kollha.
26. JAPPELLA lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex ikompli jużaw il-politiki tagħhom għall-kooperazzjoni internazzjonali u l-iżvilupp, inkluż is-Sħubija UE-AKP, biex jippromwovu u jibnu kapacià għal governanza aħjar tal-oċeani, għall-konservazzjoni u r-ristabiliment tad-diversità bijoloġika, biex inaqqsu l-perssonijiet, inkluż il-perssonijiet kumulattivi fuq l-oċeani, u jippromwovu l-iżvilupp ta' ekonomiji blu sostenibbli u sajd sostenibbli f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u sħab u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. JILQA' l-inklużjoni tal-oċeani fin-negozjati ta' wara Cotonou.
27. JISĦAQ fuq l-importanza li, sal-2020, jintlaħaq ftehim fid-WTO biex jiġu pprojbti ċerti forum ta' sussidji għas-sajd, li jikkontribwixxu għal kapacià żejda u sajd żejjed u biex jiġu eliminati s-sussidji li jikkontribwixxu għas-sajd IUU.
28. JENFASIZZA l-importanza li jissaħħu l-azzjonijiet tal-UE fil-ġlieda globali kontra s-sajd IUU b'mod partikolari biex jiġi żgurat li l-prodotti tas-sajd importati fl-UE jkunu minn attivitajiet tas-sajd imwettqa f'konformità mal-miżuri applikabbli ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni; JAPPOĠĠA approċċ ta' tolleranza żero għas-sajd IUU abbażi ta' djalogi eżistenti ma' pajjiżi terzi u l-iżgurar tal-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda biex din il-kwistjoni tiġi indirizzata b'mod effettiv.
29. JISSOTTOLINJA d-dmir stabbilit mill-UNCLOS u l-Ftehim fuq l-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-UNCLOS dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni ta' Ħażniet ta' Ħut li Jpassi f'Żona Limitata (Straddling) u Ħażniet ta' Ħut li Jpassi Ħafna (Highly Migratory) biex ikun hemm kooperazzjoni fil-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' stokkijiet transżonali u migratorji ħafna fl-ibħra miftuħa u r-rwol ewlieni tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd sabiex jiġi żgurat li l-konservazzjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tal-istokkijiet taħt ir-responsabbiltà tagħhom u l-ekosistemi tagħhom; JAGĦRAF il-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli bħala forum ta' kooperazzjoni li huma ta' benefiċċju reċiproku, li jidderieġu l-isforzi u l-fondi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fuq ix-xjenza u l-kontroll fis-sajd u jappoġġaw lill-pajjiżi sħab biex jistabbilixxu l-politiki tas-sajd sostenibbli tagħhom.

30. JILQA' s-sħubijiet dwar l-oċeani bejn l-UE u ċ-Ċina u l-UE u l-Kanada; JAPPREZZA l-azzjonijiet kooperattivi li qed jiżviluppaw taħt dawn is-sħubijiet, bħas-Sħubija Blu bejn l-UE u ċ-Ċina għall-Forum tal-Oċeani, bħala mezz biex tinkiseb governanza globali aħjar u aktar koerenza ta' politiki lejn l-oċeani. JAPPOĠĠA l-iżvilupp ta' sħubijiet futuri dwar l-oċeani.

III. EKONOMIJA BLU SOSTENIBBLI

31. JENFASIZZA s-sejbiet tar-Rapport dwar l-Ekonomija Blu 2019; JILQA' l-iżvilupp ta' approċċ ġdid għal Ekonomija Blu sostenibbli; JENFASIZZA li ġestjoni koordinata tas-setturi tal-Ekonomija Blu hija kruċjali biex tiġi żgurata ekonomija blu sostenibbli.
32. JAGĦRAF is-sinifikat ta' Ekonomija Blu bħala parti mill-Politika Marittima Integrata tal-Unjoni; JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza tal-Politika Marittima Integrata biex jitrawwem teħid ta' deċiżjonijiet koordinat u koerenti u biex jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli.
33. JISĦAQ fuq il-fatt li s-setturi stabbiliti tat-turiżmu kostali u marittimu, ir-riżorsi ħajjin tal-baħar, inkluż is-sajd sostenibbli, ir-riżorsi tal-baħar mhux ħajjin, l-attivitajiet tal-portijiet, il-bini tal-bastimenti, it-teknoloġiji tal-baħar, u t-trasport marittimu, ikomplu jkunu l-pilastri u l-kontributuri ewlenin għall-Ekonomija Blu tal-Unjoni; JENFASIZZA li jeħtieġ li l-iżvilupp ulterjuri tal-Ekonomija Blu jkun skont il-prinċipji ta' sostenibbiltà; JIRRAKKOMANDA li tingħata attenzjoni speċjali lis-setturi emerġenti, bħall-enerġija blu, il-bijoekonomija blu u l-bijoteknoloġija, kif ukoll id-desalinizzazzjoni, peress li dawn joffru potenzjal sinifikanti għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ekonomija Blu u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.
34. JENFASIZZA l-importanza tad-diġitalizzazzjoni meta jitqies il-potenzjal sinifikanti għall-ottimizzazzjoni tal-aspetti tekniċi u operazzjonali tas-settur tal-baħar u dak marittimu, mal-benefiċċju ta' tnaqqis tal-emissjonijiet fit-trasport bil-baħar.

35. JENFASIZZA l-kontribut potenzjali enormi tal-oċean għall-enerġiji rinnovabbli mill-baħar; JILQA' l-impenn komuni tal-Istati Membri fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom dwar l-enerġija u l-klima li jikkwadruplikaw il-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli offshore tal-Ewropa sal-2030; JINNOTA l-istimi tal-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha Pjaneta Nadifa tal-2018 li kwart tal-kapaċità tal-elettriku tal-UE ser tiġi ġġenerata offshore sal-2050; JENFASIZZA l-potenzjal ta' akkwakultura b'livell trofiku baxx biex tipproduċi proteini b'emissjonijiet ta' gass serra baxxi, kif enfasizzat fir-rapport tal-Konsulenti Xjentifiċi Ewlenin tal-Kummissjoni dwar l-ikel mill-oċeani.
36. JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza ta' approċċ koordinat matul l-implimentazzjoni tal-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu u d-Direttivi Kwadri dwar l-Istrateġija Marina bħala għodod prinċipali biex jiġi applikat l-approċċ ibbażat fuq l-ekosistemi biex jiġu żgurati l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-oċeani u l-ibħra; JILQA' l-progress fl-implimentazzjoni tal-ippjanar spazjali marittimu fil-livell nazzjonali, tal-baċiri tal-baħar, tal-Unjoni u fil-livell globali biex tiġi żgurata koerenza mal-oġettivi ambjentali, soċjali u ekonomiċi; JENFASIZZA l-importanza ta' azzjoni koordinata bejn il-pajjiżi u fi fil-konvenzjonijiet u l-organizzazzjonijiet multilaterali.
37. JAGĦRAF li żieda fl-investiment pubbliku u privat hija essenzjali biex tinkiseb ekonomija blu innovattiva u sostenibbli fl-UE u globalment.
38. JILQA' l-pjattaforma BlueInvest biex tgħin lill-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju (SMEs) iqtieghdu fis-suq prodotti u servizzi ġodda, innovattivi u sostenibbli permezz ta' pakkett ta' miżuri, inkluż l-ikkowċjar, l-għotjiet u l-pariġġar mal-investituri; JINKORAĠĠIXXI miżuri biex jitnaqqas ir-riskju għall-investituri permezz ta' garanziji mill-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi.
39. JILQA' l-Inizjattiva u l-Prinċipji għall-Finanzjament ta' Ekonomija Blu Sostenibbli li jikkomplementaw l-oqfsa eżistenti fil-finanzjament sostenibbli, u JIRRIKONOXXI l-importanza tal-konformità, it-trasparenza u l-iżvelar, kif ukoll l-isfidi speċifiċi tal-investiment fil-kuntest tal-oċean.

40. JISĦAQ fuq il-fatt li l-Konferenza tal-Jum Marittimu Ewropew hija avveniment importanti li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-settur marittimu fl-Ewropa; JIFRAĦ lill-Portugall bis-suċċess tal-Konferenza tal-Jum Marittimu Ewropew f'Lisbona fil-15 u s-16 ta' Mejju 2019 u JISTENNA B'INTERESS il-Konferenza li jmiss f'Cork, l-Irlanda fl-2020.
41. JAGĦRAF l-importanza tal-kooperazzjoni reġjonali marittima u tal-istrategġiji u l-inizjattivi tal-baċiri tal-baħar tal-UE li jippermettu l-iżvilupp ta' miżuri mmirati; JIRRIKONOXXI l-komplementarjetà tal-istrategġiji u l-inizjattivi tal-baċiri tal-baħar tal-UE mal-istrategġiji makroreġjonali tal-UE, inkluż mal-oġettivi tal-politika tal-viċinat tal-Unjoni; JISTIEDEN lill-Istati Membri kkonċernati biex iqisu l-prijoritajiet u l-oġettivi u l-azzjonijiet speċifiċi tal-istrategġiji u l-inizjattivi tal-baċiri tal-baħar tal-UE, u tal-Istrategġija tal-Unjoni għar-reġjuni Ultraperiferiċi, fl-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' finanzjament rilevanti.

IV. SKART FIL-BAĦAR U SKART TAL-PLASTIK

42. JINNOTA BI TĦASSIB il-livelli li qed jiżdiedu b'mod rapidu tal-iskart fil-baħar, inkluż l-iskart tal-plastik u l-mikroplastik, li qed jikkawżaw problemi ambjentali serji fuq skala globali, li jheddu l-ambjent, l-ekosistemi u l-bijodiversità kif ukoll l-ekonomija u s-saħħa, u jenħtieġ li jingħataw attenzjoni u tittieħed azzjoni dwarhom b'mod immedjat.
43. JILQA' l-adozzjoni tad-Direttiva dwar il-Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss u tad-Direttiva l-ġdida dwar il-Faċilitajiet Portwarji ta' Akkoljenza; JAPPOĠĠA l-implimentazzjoni sħiħa tal-azzjonijiet li fadal relatati mal-iskart fil-baħar fl-Istrategġija tal-UE għall-Plastik.
44. JAGĦRAF li l-iskart fil-baħar mhux biss għandu impatt sinifikanti fuq l-ekosistemi tal-baħar, iżda diġà qed jiġġenera spejjeż addizzjonali u dħul mitluf għall-Ekonomija Blu, speċjalment fis-sajd, l-akkwakultura u t-turiżmu, u qed jikkawża problemi fit-trasport marittimu.

45. JAPPOĠĠA t-transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari b'sett wiesa' ta' miżuri li jimminimizzaw l-iskart fil-baħar u l-ġenerazzjoni tal-iskart; JILQA' s-sħubijiet reġjonali u lokali u l-konsorzji tas-sħubijiet pubbliċi-privati għall-iżvilupp tal-ġestjoni tal-iskart inkluż il-ġbir ta' skart tal-plastik miż-żoni kostali, it-trattament tal-ilma mormi u faċilitajiet imtejba ta' akkoljenza fil-portijiet; JISĦAQ fuq l-importanza li jiżdiedu l-azzjonijiet globali biex titwaqqaf l-infiltrazzjoni tal-iskart tal-plastik u ta' sustanzi dannużi oħra fl-ambjent, u b'mod partikolari l-oċeani, inkluż permezz tal-kunsiderazzjoni ta' ftehim internazzjonali biex jiġi indirizzat it-tniġġis mill-plastik, b'mod partikolari t-tniġġis mill-plastik fil-baħar.
46. JILQA' l-adozzjoni tar-risoluzzjonijiet rilevanti fir-raba' laqgħa tal-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent; JINNOTA B'APPREZZAMENT l-adozzjoni ta' dikjarazzjonijiet rilevanti mill-Mexxejja tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) u tal-Mexxejja tal-G20.

V. GĦARFIEN DWAR IL-BAĦAR

47. JENFASIZZA li r-riskju ta' ħsara irriversibbli għall-ekosistemi u r-riskju ta' investiment fl-ekonomija blu jistgħu jitnaqqsu b'mod konsiderevoli b'għarfien aħjar tal-istat u d-dinamika tal-ambjent tal-baħar.
48. IFAKKAR fl-investimenti importanti li saru permezz ta' Orizzont 2020, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni; JILQA' l-qasam tal-missjoni ta' Orizzont Ewropa dwar l-oċeani, l-ibħra, u l-ilmijiet kostali u interni b'saħħithom.
49. JENFASIZZA l-kontribut siewi magħmul mis-sistema ta' monitoraġġ globali tal-Osservazzjoni tad-Dinja tal-UE Copernicus, inkluż is-Servizzi tagħha tal-Baħar, tat-Tibdil fil-Klima u tas-Sigurtà, biex tinġabar data satellitari essenzjali dwar l-oċeani.

50. JAGĦRAF li inizjattivi ta' tixrid ta' data bħan-Netwerk Ewropew ta' Osservazzjoni u Data Marittima (EMODnet) u s-Servizz tal-Baħar ta' Copernicus u l-Politika ta' Data Miftuħa promossi taħt Orizzont 2020 diġà tejbu ħafna d-disponibbiltà ta' data u prodotti ta' data u qed ikunu ta' eżempju għal sħab internazzjonali; JENFASIZZA l-importanza tal-kondiviżjoni ta' strumenti u infrastrutturi li jippromwovu l-għarfien dwar il-baħar; JENFASIZZA l-ħtieġa ta' aktar azzjoni biex jimtew il-lakuni f'termini ta' appoġġ għall-osservazzjoni u d-disponibbiltà u l-interoperabbiltà tad-data.
51. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jiġu aġġornati l-ħiliet biex jittieħed kont tal-avvanz teknoloġiku u jistenna b'interess il-pjan ta' azzjoni għal strateġija dwar il-ħiliet fil-bini tal-bastimenti u l-enerġija rinnovabbli li qed jitħejja minn alleanza tal-ħiliet settorjali; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal strateġija b'saħħitha tal-UE biex jiġu ppreservati u żviluppati l-ħiliet marittimi għat-tisħiħ tal-edukazzjoni blu u għall-promozzjoni tal-impjiegi blu.
52. JENFASIZZA l-fatt li ż-żieda fil-livell ta' Għarfien dwar l-Oċeani fl-Ewropa u l-inkoraġġiment tal-impenn tal-partijiet ikkonċernati biex jaġixxu u jgħolqu networks b'mod attiv dwar kwistjonijiet relatati mal-konservazzjoni tal-oċeani huma strumentali għal amministrazzjoni imtejba tal-oċeani u l-ibħra.

VI. SIGURTÀ U SORVELJANZA MARITTIMI

53. IFAKKAR fl-importanza li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà marittima fil-livell tal-UE u dak globali, f'konformità mal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE (EUMSS) u l-Pjan ta' Azzjoni aġġornat tagħha⁶ għall-protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE u tal-ilmijiet tal-Istati Membri tal-UE u għall-iżvilupp ta' Ekonomija Blu sostenibbli; JISTIEDEN lill-Istati Membri biex isaħħu l-koordinazzjoni fis-sigurtà marittima.

⁶ 10494/18

54. JENFASIZZA l-importanza tas-sorveljanza marittima fil-kuntest tal-EUMSS u JILQA' l-progress li sar għall-istabbiliment ta' Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infommazzjoni għall-qasam marittimu (CISE) u b'mod aktar partikolari t-transizzjoni għall-fażi operattiva ġestita mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima; JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri kollha u lill-aġenziji u l-korpi rilevanti tal-Unjoni biex jipparteċipaw f'din il-fażi sabiex jiżguraw implimentazzjoni mifruxa ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà tas-CISE għall-iskambju ta' infommazzjoni marittima bejn is-setturi u bejn il-fruntieri, filwaqt li jittieħed kont ta' inizjattivi u netwerks volontarji oħra u skont is-sistemi obligatorji eżistenti tal-Unjoni. JINNOTA b'interess id-diskussjoni li għaddejja dwar Preżenzi Marittimi Koordinati possibbli.
55. JINKORAĠĠIXXI impenn imġedded għas-sigurtà marittima permezz ta' approċċ reġjonali u JISSOTTOLINJA li strateġiji u politiki settorjali u reġjonali rilevanti oħra tal-UE, applikabbli għall-ibħra u l-baċiri ta' taħt il-baħar tal-UE, jenħtieġ li jiġu promossi f'koordinazzjoni sħiħa mal-EUMSS.

VII. REĠJUNI ULTRAPERIFERIĊI U PAJJIČI U TERRITORJI EXTRA-EWROPEJ

56. JENFASIZZA l-vulnerabbiltà speċifika tar-reġjuni ultraperiferiċi u l-pajjiċi u territorji estra-Ewropej għat-tibdil fil-klima li qed jaffettwa l-pajsaġġ kostali tagħhom, l-ekosistemi tagħhom u l-bijodiversità tagħhom.
57. JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza tal-Politika Marittima Integrata u tal-politika Ewropea marittima u tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi għall-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli u l-attivitajiet ekonomiċi blu; JILQA' l-ħidma li saret mill-2017 taħt l-istrateġija tal-Unjoni "Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE", b'mod partikolari fl-oqsma tal-adattament għat-tibdil fil-klima u l-ekonomija blu.
58. JILQA' l-ħidma li saret fil-kuntest tal-assoċjazzjoni ta' pajjiċi u territorji extra-Ewropej mal-Unjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-oċeani, bħall-promozzjoni tal-Ekonomija Blu, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima, il-promozzjoni tat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, il-ġestjoni sostenibbli u l-konservazzjoni tal-bijodiversità tal-baħar u tas-servizzi tal-ekosistemi, l-ilma sostenibbli, l-ippjanar tal-ispazju marittimu u l-ġestjoni integrata taż-żoni kostali, il-kooperazzjoni fil-qasam tar-riżorsi internazzjonali tal-oċeani, u kwistjonijiet tal-Artiku.

VIII. L-ARTIKU

59. JESPRIMI T-TĦASSIB SERJU TIEGĦU li r-reġjun tal-baħar Artiku huwa fost dawk l-aktar milquta mit-tibdil fil-klima u li qed jisħon b'aktar mid-doppju tar-rata medja globali; JIRRIKONOXXI l-attenzjoni speċjali meħtieġa għall-ambjent tal-baħar Artiku uniku u fraġli u jibqa' impenjat għall-protezzjoni tiegħu mill-impatti negattivi tal-attivitajiet tal-bniedem, inkluż permezz ta' riċerka marina msaħħa, u jinkoraġġixxi l-implimentazzjoni tal-Ftehim tal-Kunsill tal-Artiku dwar it-Titjib tal-Kooperazzjoni Xjentifika Internazzjonali tal-Artiku biex jiżdiedu l-effettività u l-effiċjenza fl-iżvilupp ta' għarfien xjentifiku dwar ir-reġjun, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-pajjiżi fir-reġjun tal-Artiku. JIRRIKONOXXI l-isforz tal-Kunsill tal-Artiku biex jinkludi l-għarfien tradizzjonali u lokali fil-ħidma tiegħu.
60. JENFASIZZA il-fatt li kwalunkwe trasport bil-baħar fl-Artiku jenħtieġ li jkun sikur u sostenibbli, filwaqt li jittieħed kont tal-oġettiv tal-IMO għat-tnaqqis tal-gassijiet serra; JILQA' l-isforzi tal-IMO biex jitnaqqas l-impatt tal-emissjonijiet tal-Karbonju Iswed mit-trasport bil-baħar internazzjonali fuq l-Artiku; JENFASIZZA l-importanza tal-implimentazzjoni armonizzata tal-Kodiċi Polari tal-IMO u l-konformità mal-Kodiċi ta' sorveljanza marittima dedikata, b'mod partikolari kooperazzjoni mill-qrib u effettiva dwar it-Tiftix u s-Salvataġġ, u l-prevenzjoni tal-emerġenzi, u t-tħejjija u r-rispons għalihom.
61. JENFASIZZA r-rwol tal-iżvilupp ulterjuri tal-kooperazzjoni ċirkumpolari fil-qasam meteoroloġiku u oċeanografiku biex titjeb is-sikurezza fl-Artiku; IFAKKAR fl-importanza tas-sinerġiji bejn Galileo u Copernicus għal operazzjonijiet tat-trasport bil-baħar sikuri u l-monitoraġġ ambjentali, li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-utenti li jinsabu fir-reġjun tal-Artiku; JINKORAĠĠIXXI lill-Aġenzija tal-GNSS Ewropea biex tagħmel użu minn tali sinerġiji meta tiżviluppa applikazzjonijiet "multidimensjonali" (pożizzjonament/osservazzjoni tad-dinja/komunikazzjoni satellitari).
62. JIRRIKONOXXI l-interess ġeopolitiku li qed jikber fl-Artiku u JISĦAQ fuq l-importanza li l-Artiku jinżamm bħala reġjun ta' tensjoni baxxa u ta' kooperazzjoni –għolja.

63. JISTENNA B'INTERESS li l-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli jaġġornaw il-Politika tal-UE dwar l-Artikolu, inkluż il-Komunikazzjoni Konġunta tal-2016 bil-ħsieb tal-isfidi u l-opportunitajiet il-ġodda, u l-interess internazzjonali li qed jikber.
64. JENFASIZZA l-kontribut siewi tal-Kunsill tal-Artiku u l-Gruppi ta' Ħidma tiegħu, li jipprovdu forum għall-protezzjoni u l-użu sostenibbli tal-ambjent tal-baħar Artiku, kif ukoll l-impenn li jikkonsultaw u jikkooperaw mal-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali tal-Artiku u li jappoġġaw l-involviment sinifikattiv tagħhom fl-Attivitajiet tal-Kunsill tal-Artiku.
65. JILQA' l-programm tal-Presidenza Iżlandiża tal-Kunsill tal-Artiku għall-2019-2021, li jenfasizza l-Ambjent tal-Baħar tal-Artiku bħala wieħed mill-prijoritajiet tiegħu; JILQA' l-ħidma tal-Kunsill tal-Artiku dwar l-iżvilupp ta' Pjan ta' Azzjoni Reġjonali dwar l-Iskart fil-Baħar.
66. JILQA' l-iffirmar tal-Ftehim għall-prevenzjoni tas-sajd mhux regolat fl-ibħra miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali fit-3 ta' Ottubru 2018 f'Ilulissat, Greenland, mill-UE u disa' Stati, u JINKORAĠĠIXXI d-dħul fis-seħħ rapidu tal-ftehim.
67. JILQA' l-Forum tal-Artiku tal-UE organizzat b'mod konġunt mill-Unjoni u l-Iżvezja, li sar f'Umeå fit-3 u l-4 ta' Ottubru 2019 biex jinbdew diskussjonijiet dwar il-Politika futura tal-UE dwar l-Artiku.
-